# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 21**

**Citazzjoni numru 654/03 LSO**

**Paul u martu Mariella Mizzi**
**kif ezercenti l-kummerc taht l-isem**
**"The Foto Grafer"**

**v.**

**David Seracino u martu Maria Dolores**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-atturi Paul u Mariella konjugi Mizzi, kif ezercenti l-kummerc taht l-isem "The Foto Grafer",ipprezentat fis-27 ta' Gunju, 2003, fejn esponew is-segwenti:

"Billi l-konvenut David Seracino kien impjegat mal-atturi bhala photographer/maintenance engineer, liema mpjieg kien regolat b'kuntratt ta' mpjieg ghal zmien indefinit datat 2 ta' Jannar 1999, li qed jigi anness u markat bhala Dokument A.

"U billi fil-klawsola numru 13 (i) tal-imsemmi kuntratt ta' mpjieg kien gie maqbul bejn il-partijiet illi l-konvenut kellu jaghmel u jlesti perjodu ta' tahrig ta' sentejn, u fin-nuqqas jirrifondi s-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) rapprezentanti in parti l-investiment minfuq mill-principal ghall-istess tahrig, kif ukoll indenizz ghal ksur ta' obbligu kuntrattwali.

"U billi l-konvenut unilateralment u minghajr ebda raguni valida abbanduna l-impjieg tieghu minn mal-atturi fit-2 ta' Novembru 2000.

"U billi b'hekk giet "in vigore" l-klawsola numru 13 (i) tal-imsemmi kuntratt u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) ai
termini tal-istess klawsola.

"U billi l-konvenut minkejja li gie nterpellat biex jersaq ghal dan il-hlas baqa' inadempjenti.

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunjiiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :

"1. Tiddikjara illi l-konvenut David Seracino kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' mpjieg tieghu datat 2 ta' Jannar 1999 meta abbanduna l-impjieg tieghu minn mal-atturi fit-2 ta' Novembru 2000 minghajr ebda raguni valida, u ghalhekk m'onorax l-obbligu minnu assunt fil-klawsola numru 13 (i) tal-kuntratt,

"2. Tikkundannhom ihallsu s-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) lill-atturi ai termini tal-istess klawsola tal-kuntratt ta' mpjieg.

"Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2001 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali u tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 2003, u tal-ittri bonarji tal-10 ta' Novembru 2000, 11 ta' Jannar 2001, 22 ta' Marzu 2001 u 9 ta' Awwissu 2001, kif ukoll dawk tal-mandat ta' inibizzjoni li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti David u Maria Dolores konjugi Seracino datata 30 ta' Dicembru, 2003, li permezz taghha eccepew:

> "1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-klawsola numru 13 tal-kuntratt in kwistjoni hija wahda invalida ai termini tal-ligi.
>
> "2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-klawsola numru 13(i) mhux enforzabbli ai termini tal-ligi, stante li l-uniku ksur ta' kuntratt li l-attur qed jallega jirrigwarda l-abbandun tal-impjieg dapparti tal-konvenut, liema fatt huwa kopert mil-ligi minn klawsoli ad hoc.
>
> "3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ghat-talba dwar training, stante li l-konvenut ma nghata ebda training straordinarju u li b'xi mod jiggustifikaw it-talbiet attrici.
>
> "4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut kellu raguni valida sabiex jabbanduna l-impjieg tieghu.
>
> "5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Settembru, 2013, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici. Dana ghamlitu billi filwaqt li laqghet l-ewwel talba u ddikjarat li l-konvenut David Seracino kiser il-kuntratt t'impieg tieghu, datat 2 ta' Jannar, 1999, skont kif dedotta fic-citazzjoni, laqghet it-tieni talba limitatament u kkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' €18,989, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru, 2001. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi konjugi Mizzi, bhala proprjetarji ta' l-attivita' kummercjali bl-isem "The Foto Grafer", qed jagixxu biex jottjenu

l-hlas ta' penali imposta f'kuntratt ta' impieg ghall-perjodu indefinit, li kien gie iffirmat flimkien mal-konvenut, u datat nhar it-2 ta' Jannar 1999 (Dok. "A"). Skont l-klawsola numru 13 tal-ftehim, l-konvenut ghandu jhallashom penali ta' Lm10,000 stante li abbanduna l-impieg fl-ewwel sentejn, u cioe` fit-2 ta' Novembru 2000. Ghalhekk talbu, previa dikjarazzjoni ta' responsabbilita, li l-konvenut ikun ikkundannat ihallashom is-somma imsemmija.

"Il-konvenuti konjugi Seracino, opponew ghal tali azzjoni billi sostnew li l-klawsola 13 hija invalida u, in ogni caso, mhiex enforzabbli peress li l-abbandun unilaterali ta' l-impieg huwa regolat bil-Ligi. Huma sostnew ukoll li l-konvenut ma rcieva ebda stharrig u, inoltre, kellu ragunijiet validi biex jabbanduna l-impieg tieghu.

"Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-atturi huma proprjetarji ta' "The Foto Grafer " u b'kuntratt datat it-2 ta' Jannar 1999 impjegaw lill-konvenut Seracino bhala "photographer/ maintenance engineer" ghal zmien indefinit. L-ewwel sentejn tal-impieg kienu jikkostitwixxu perjodu ta' tahrig u skont il-klawsola 13 ccitata fic-citazzjoni, l-impjegat kien obbligat li jlesti dan il-perjodu u fin-nuqqas, kellu jirrifondi lill-employer Lm10,000 li, in parti, kienet tirrapprezenta rifuzjoni tas-somma investita mill-principal ghat-tahrig tieghu, u in parti penali.

"PROVI PRODOTTI

"Il-partijiet jaqblu li l-konvenut temm l-impieg tieghu unilateralment fit-2 ta' Novembru 2000. Jirrizulta mix-xhieda tal-atturi, kif korroborati mix-xhieda ta' impjegat taghhom[1], li l-atturi, u specjalment l-attur li kien l-espert fit-teknika tal-fotografija, iddedikaw hin ta' xoghol u spejjez fl-istharrig tal-konvenut. L-istess konvenut, del resto, ammetta li kien biss "dilettant" meta beda l-impieg tieghu u kien l-attur li kien jghallmu kemm fuq teorija, permezz ta' hin dedikat ghall-taghlim fuq ktieb li kellu, kif ukoll fil-prattika.

"Paul Mizzi[2] spjega li kien kwalifikat f'xogholu u kien studja barra, waqqaf laboratorju li kien uniku f'Malta u li kien jaghmel xoghol, bhal processar ta' ritratti f'formats ggantesiki li ma jsirux f'Malta hlief minnu.

"Il-konvenut kien ghamel perjodu ta' gimgha mieghu qabel ma accetta l-impieg u l-attur kien qallu li kellu l-hsieb li jghaddilu t-tghalim u l-*expertise* tieghu.

"Il-partijiet qablu wkoll li ghalkemm il-kuntratt taghhom igib id-data tal-4 ta' Jannar 1999, effettivament gie ffirmat kwazi 6 xhur wara, ghall-habta ta' Gunju 1999. L-attur kien ghadda abbozz lill-konvenut u ffirmawh xhur wara f'Gunju 1999. Da parti tieghu, izda, l-konvenut, jghid li l-ewwel darba li ra l-kuntratt finali kien dak in-nhar stess tal-firma, filwaqt

[1] Ara Affidavit ta' Mariella Mizzi a fol. 34 tal-process u ta' Noel Balzan a fol.37 tal-process.
[2] Affidavit a fol. 22 et seq.

li l-attur jghid li kien zammu nfurmat bit-tibdiliet li kellhom isiru. Fost dawn hemm il-klawsola tal-penali mertu ta' din il-kawza.

"Il-konvenut ilmenta li ma rceviex tahrig izda jirrizulta a soddisfazzjon tal-Qorti, anke minn kliem il-konvenut stess, li billi l-konvenut kien jakkompanja lill-attur fuq ix-xoghol, kien qed jitghallem b'dak li jisma' minghandu u josserva. L-atturi t-tnejn kienu jtuh taghlim per ezempju, kif juza certu tipi sofistikati ta' cameras bhal 'Hasselblad' u 'Sinar', jarma 'slave cameras', u jigbed ritratti fuq *assignments* barra mill-istudio, fost ohrajn. Kif qal il-konvenut stess: "*Waqt ix-xoghol l-attur kien jispjegali x'kien qed jaghmel........Jien kont nitghallem 'as we go along'...waqt ix-xoghol l-attur kien jispjegali u jiena nitghallem.*" [3] *Il-konvenut qal ukoll li "bit-tahrig u l-esperjenza li jien hadt kemm domt nahdem mal-attur sar titjib anke fit-teknika tieghi pero' nghid li ma jistax jitqies li minkejja dik l-'exposure' kollha, jien sirt professional. Trid iktar minn sentejn biex minn dilettant issir professional."*

"Peress li kien bla esperjenza, l-izbalji tieghu kellhom jissewwew billi jingibdu ritratti mill-gdid u jaghtuh materjal bhall-films biex jippratika bihom. Inoltre l-atturi kellhom spejjez konsistenti fil-hin dedikat ghat-taghlim tal-konvenut.

"Fit-2 ta' Novembru 2000 inqala' argument bejn Paul Mizzi u David Seracino li, skont dan ta' l-ahhar, kien "*l-ahhar qatra li fawret il-garra*". Bis-sistema ta' xoghol li kellhom, jirrizulta li l-konvenut kellu jahdem sighat twal u fil-*weekend* peress li kien imur '*on assignment*' ghat-tigijiet jew precetti. Meta kellu jattendi ghall-tieg nhar ta' Gimgha, kien ikollu jitlaq mix-xoghol kmieni wara nofs in-nhar biex imorru fir-residenza tal-gharusa. Normalment kien jirritorna fis-sighat bikrija ta' filghodu. Madanakollu minnkejja li kien jithallas rata fissa ghat-tigijiet u precetti, l-attur kien inaqqaslu is-s ighat li kien tilef il-Gimgha mill-'overtime'. B'hekk ikkalkula li ma kienx qed jithallas ta' tieg minnhom. L-istess attur jaqbel ma dan meta jghid li kienu jahdmu l-hin ta' sahra biss wara li jghaqqdu gimgha ta' 40 siegha xoghol. Dan kien il-qofol tal-argument li kellhom peress li s-sighat twal li kellu jahdem holqulu tensjoni fid-dar u fil-familja (kif xehdet ukoll martu Maria Dolores Seracino) u hass li ma kienx ikkumpensat ghall-hin ta' sahra li kien jaghmel. Da parti tieghu, l-attur cahad li l-konvenut kien jilmenta mieghu dwar paga u 'allowances' izda kien jilmenta dwar il-hinijiet li kellu jaghmel fuq ix-xoghol.

"Skont l-attur dan l-incident ikkreja problemi ghall-attur minnhabba l-'commitments' ta' xoghol li kellu inkluz 'double weddings' u tigijiet ohra li kien accetta li jaghmilhom ghaliex il-konvenut kien ser jassistih, liema funzjonijiet li kellu jaqdihom il-konvenut, huma murija fuq DOK PM1.[4]

"L-attur elenka l-ispejjez li saru a beneficcju tat-tahrig tal-konvenut u spejjez ohra, mhux kwantifikati, ikkagunati minhabba l-inesperjenza tal-

[3] Affidavit a fol 41 tal-process.
[4] Esebit a fol.31 tal-process.

konvenut. In Kontro ezami spjega li l-ammont ta’ Lm1740 jirrapprezenta l-ispiza ghall- 'films' u kimika li ntuzaw ghat-tahrig tal-konvenut peress li kellu juza films bhal dawk li jintuzaw ghall-*assignments* fuq barra.

“Rigward l-ammont ta’ Lm3,700, qal li dan inhadem fuq skeda preciza li kien izomm dwar il-hin li kien iqatta' mal-konvenut ghat-tahrig tieghu. Ikkalkula r-rata fuq ir-rata ta' xoghol domestiku u mhux xoghol kummercjali li fl-epoka kien jammonta ghall-madwar Lm5 is-siegha. Dan il-hin intilef mill-hin li seta' jiddedika ghat-twettiq tax-xoghol kummercjali. Meta ngibditlu l-attenzjoni li b'din ir-rata allura iddedika 740 siegha, hu qal li kien iqatta' nofs ta' nhari shah fit-tahrig. Ma setax jispjega kif semma ukoll Lm1,750 ghal tahrig li sar waqt il-hin tax-xoghol tieghu fittieni partita a fol.29.

“L-ammont imsemmi fis-sitt partita jirreferi ghal meta kien jiehu l-konvenut mieghu ghat-tigijiet u kien jinghata allowance. Is-somma ta’ Lm1,350 tirreferi ghal dawn l-allowances zejda li kien ihallsu. Kien hemm zmien meta l-konvenut ma kienx jattendi ghat-tigijiet u kien jaghzel hu meta jattendi.

“Il-konvenut kien jithallas Lm10 ghal kull tieg fl-ewwel sena u Lm20 fit-tieni sena u mhux Lm5 u Lm10 rispettivament skont il-ftehim.

“Rigward id-disa' partita, l-attur qal li dawn l-ispejjez mhumiex koperti bl-ewwel tmien partiti qal li l-process biex jaghti valur tant huwa 'time consuming' li ma jistax jaghti valur.

“OSSERVAZZJONIJIET GURIDICI

“Il-lanjanza principali tal-konvenut tirrigwarda l-validita` tal-klawsola numru 13 tal-kuntratt ta' l-impieg tieghu, liema klawsola timponi penali talli abbanduna l-impieg qabel ma spicca t-terminu prefiss.

“L-attur irribatta li n-nullita m'hiex sollevabbli per via t'eccezzjoni. Izda fil-fehma tal-Qorti din l-oggezzjoni mhiex legalment fondata billi l-illegalita eccepita ma tikkostitwix semplici annullabilita' izda nullita' kkomminata mill-ligi stess u meta si tratta ta’ nullita` din tista' tigi mqajma anke permezz ta' eccezzjoni.

“Il-klawsola li hija l-pern tal-kwistjoni tghid hekk:

> ““13. i. *The employee undertakes and obliges himself to complete the training period of two (2) years. If he fails to satisfy this obligation for any reason whatsoever he accepts and undertakes to refund to the employer thepercentage, as hereinafter stated, of the sum of ten thousand Maltese Liri (Lm10,000) being in part the investment spent by the employer to employ and train the employee and in part as indemnity for breach of contractual obligations.*
>
> - *First year: 50%*
> - *Second year: 100%”*

“Jigi nnotat li l-klawsola 11 tal-kuntratt jghid b'mod car u inekwivoku li "*The first two (2) years of employment shall constitute the training period*."

“Il-konvenut issottometta li l-klawsola hija nulla in kwantu ma kienetx giet approvata mid-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni (Art 26 u art 34(21) tal-Kap.135 tal-Ligijiet ta' Malta). Apparti li ma ressaq ebda prova in sostenn ta' din is-sottomissjoni, il-Qorti tikkonsidra dawn l-artikoli jirregolaw kondizzjonijiet f'kuntratt ta' servizz fil-kors ta' l-impieg u mhux l-applikazzjoni ta' penali ghall-abbandun qabel il-waqt mill-impjegat.

“L-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta) fl-artikolu 38 jghid li jekk kuntratt ta' servizz jipprovdi ghall-kondizzjonijiet ta' impieg,"*inkluz it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi, jew taht l-Att, dan ghandu jkollu effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att*." B'hekk fil-kawza fl-ismijiet "Jacqueline Higgans et noe.v. Joseph Galea " - dec.fit-13 ta' Gunju 1997 -PA) il-Qorti irriduciet penali impost f'kuntratt ta' servizz in kwantu li l-klawsola kuntrattwali kienet inqas vantaggjuza ghall-impjegat minn dak provvdut bil-ligi. Il-Qorti sostniet korrettement li dik il-klawsola kellha tigi sostitwita *ope legis* bid-disposizzjoni applikabbli tal-Att.

“Izda fil-kaz in ezami, l-istess klawsola 13, fl-ewwel parti taghha, tindirizza t-terminazzjoni li jsir waqt il-perjodu ta' tahrig filwaqt li t-tieni sub-inciz tal-istess klawsola tindirizza t-terminazzjoni tal-impieg tieghu (enfasi tal-Qorti).

“Din id-distinzjoni hija mportanti in kwantu l-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta jeskludi mill-provvedimenti tieghu kuntratti bejn min ihaddem u min jahdem li huma intizi "ghat-tahrig tal-haddiem".[5]

“Il-konvenut fehem li l-ewwel sentejn kienu ntizi ghat-tahrig tieghu (ara xhieda tal-konvenut in kontro ezami)[6]. Il-kaz odjern jindirizza l-abbandun tieghu li sehh proprju f'dan il-perjodu ta' tahrig fejn il-penali huwa stipulat in parti bhala korrispettiv ghall-investiment li ghamel l-employer f'hin u spejjez ghat-tahrig tieghu, u in parti, bhala penali ghall-inadempjenza. F'dan l-ewwel perjodu tal-kuntratt, ix-xoghol ossia servizz inghata tifsira sekondarja in kwantu l-ghan principali segwit mill-kontraenti kien wiehed ta' tahrig.

“F'dawn ic-cirkostanzi, kif gie ribadit mill-Qorti fil-kawza "Eric Schembri et. v. Lewis Baldacchino "- dec. fil-11 ta' Novembru 1997 A.C. (liema kawza tittratta cirkostanzi simili ghalkemm mhux identici ghal dawk fil-kaz in ezami) il-kaz huwa wiehed li jikkoncerna l-applikazzjoni tal-

[5] Art. 2 tal-Kap.135 definizzjoni ta' "Kuntratt ta' Servizz."
[6] Seduta tat-12 ta' Mejju 2005 a fol. 86 tal-process.

principju "*pacta sunt servanda*" peress li l-klawsola 13 (i) ghandha titqies li hija valida u legali ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi. Kien ikun ben altru jekk il-mertu tal-kawza odjerna kien jolqot il-penali stipulat fit-tieni sub-inciz tal-klawsola 13 in kwantu li dan ikollu ta' bilfors jigi kkonfrontat mal-kondizzjonijiet stipulati a favur tal-impjegat bl-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap.135).

“Huwa pacifikament assodat li, - “*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*.”- "Gloria mart Jonathon Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines" - deciza mill Qorti tal-Appell nhar il-5 t’Ottubru 1998.

“Ukoll "*kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."* -" Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci Noe et" - Q.A..dec. nhar il-21 ta Ottubru 2004.[7]

“Gjaldarba stabbilita l-validita' tal-klawsola in kwistjoni, isegwi li din il-klawsola hija esegwibbli. Il-konvenut ssottometta li tali klawsola ikollha l-effett li torbot lill-haddiem kontra r-rieda tieghu. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni in kwantu li l-penali hija essenzjalment likwidazzjoni bil-quddiem ta' danni ingenti kkagunati mill-inadempjenza tad-debitur u thalli lill-impjegat liberu li jtemm il-ftehim purke' jhallas is-somma stipulata.

“Huwa minnu li l-klawsola 13(i) timponi obbligazzjoni bilaterali fuq iz-zewg partijiet -fuq il-konvenut li josserva l-perjodu kollhu ta' tahrig u fuq l-atturi li jghallmuh. Il-konvenut xehed li l-atturi ma kienux qed iharguh fis-sens li "qatt ma ghamilna session ta' taghlim." (*exceptio inadimpleti contractus*).

“Din l-asserzjoni ma gietx ippruvata. Mix-xhieda dettaljata kemm tal-atturi, kif korroborati mix-xhieda ta' Noel Balzan kif ukoll tal-konvenut stess, il-Qorti hija soddisfatta li kien hemm tahrig kontinwu on the job tant li l-konvenut stess ammetta li kien sar titjib fit-teknika tieghu ghalkemm ma lahaqx livell professjonali proprju ghaliex dan kien jirrikjedi iktar zmien. F'dawn ic-cirkostanzi, l-konvenut ma kienx gustifikat li jholl il-kuntratt unilateralment peress li mhux ippruvat li l-inampjenza tieghu kienet gustifikata.

“PENALI

“Il-penali jekk kontrattata tirraprezenta kumpens ghad-danni minnabba n-non-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni. (Ara sentenza Vol. XLI.II.1108). Skont l-artikolu 1120 tal-Kodici Civili li penali hi "l-kumpens tal-hsara li

[7]Ara wkoll Art.992 tal-kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

jbati l-kreditur minhabba n-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali', u jekk l-obbligazzjoni ma setgħetx tiġi esegwita ħlief f'ċertu żmien, id-debitur jaqa' fil-penali hekk kif jagħlaq dak iż-żmien, (Art 1121(2)).

"Il-konvenut issottometta li l-penali mhiex ragjonevoli. L-atturi da parti taghhom, jghidu li r-ragjonevolezza tal-ammont stipulat issib il-gustifikazzjoni taghha fil-prospett u spjegazzjoni li ta l-attur tal-ispejjez u investiment tieghu.

"L-artikolu 1122 tal Kap 16. jispecifika illi "*l-Qorti ma tistax ittaffi jew tnaqqas penali hlief fiz-zewg kazijiet hemm indikati, ossija esekuzzjoni 'in parte' tal-obbligazzjoni bl-accettazzjoni tal-kreditur jew f'kaz li l-parti esegwit tkun 'bic-car tiswielu' dejjem b'referenza ghall-kreditur salv f'dan l-ahhar kaz, jekk id-debitur jkun irrinunzja espressament ghal tnaqqis jew f'kaz ta' dewmien biss*."

"Il-Qorti hija tal-fehma li c-cirkostanzi jimmeritaw xi ezercizzju da parti tal-istess Qorti sabiex tnaqqas il-penali fuq bazi ta' diskrezzjoni li ghandha, anke abbazi ta' ekwita. Difatti l-atturi ma lmentawx dwar il-prestazzjoni tal-konvenut u kien kwazi esegwixxa l-obbligu tieghu ghaliex il-perjodu ta' tahrig kien kwazi skada. Inoltre l-atturi ibbenefikaw mill-prestazzjoni tieghu waqt li kien maghhom u b'hekk il-parti esegwit kienet tiswilhom. Lanqas m'hu kkontestat li l-konvenut kien ilu jilmenta dwar il-hinijiet tax-xoghol tieghu li kienu esageratament twal tant li sab ruhu f'sitwazzjoni fejn kellu jahdem sighat twal ta' xoghol, interottament u anke fil-*weekends*. Mhux biss, imma s-sistema kienet tahdem kontrih billi kien jitlef il-kumpens ghas-sahra minhabba t-tigijiet li kien jahdem nhar ta' Gimgha b'rizultat li fil-prattika, kien qed jahdem tieg fil-*weekend* minghajr hlas.

"L-attur elenka l-ispejjez li saru a beneficcju tat-tahrig tal-konvenut u spejjez ohra, mhux kwantifikati, li gew ikkagunati minnhabba l-inesperjenza tal-konvenut. Dawn m'ghandhomx jitnaqqsu. Izda l-Qorti ser tnaqqas mill-ammont mitlub is-somma ta' Lm1,350 li l-attur spjega u kkwantifika bhala "ammonti ta' flus li nghataw lill-konvenut sabiex jigi t-tigijiet mieghu." Skont kif xehed l-attur "is-somma ta' **Lm1,350** (illum €3,144.65) tirreferi ghal dawn l-allowances zejda li kien ihallsuh." Dawn il-hlasijiet kienu dovuti inkwantu pattwiti separatament bejn il-kontraenti.

"Dawn il-hlasijiet huma regolati bil-klawsola 11(ii) tal-kuntratt u ghalkemm l-atturi kienu bdew ihallsuh iktar mir-rata miftehma, dan sar bi qbil bejn il-partijiet u ghandu jitqies bhala hlas tax-xoghol li kien isir f'dawn l- 'assignments 'ghalkemm l-ghan primarju kien ikun ta' tahrig.

"Inoltre l-Qorti qed tnaqqas ammont iehor ta' euro €1160 sabiex taghmel tajjeb ghall-ammonti li gew imnaqqsa mill-paga tieghu meta l-konvenut kien ikollu jitlaq kmieni mix-xoghol minnhabba attendenza ghal xi tieg nhar ta' Gimgha.

> “Ghaldaqstant il-Qorti qed tirriduci l-penali bl-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' tmintax-il elf, disa' mija u disgha u tmenin ewro (€18,989).”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti David u Maria Dolores konjugi Seracino, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tilqa’ l-appell taghhom, thassar, u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta’ Settembru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-atturi appellati li in forza taghha esponew li l-appell interpost mill-appellanti ma jimmeritax li jintlaqa’ u konsegwentement, talbu li s-sentenza appellata jisthoqqilha li tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta’ Lulju, 2017, id-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti in atti.

Ikkonsidrat:

Illi l-konvenuti appellanti qeghdin jattakkaw is-sentenza tal-ewwel Qorti inkwantu imponiet il-hlas ta' penali stipulata f'kuntratt bejn l-atturi appellati ezercenti fil-kummerc bl-isem "The Foto Grafer", u l-konvenut appellanti, impjegat mal-istess appellati.

Ghandu jinghad mal-ewwel li sa fejn il-kontendenti fil-kawza jirreferu ghall-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta (Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg), dan kien eventwalment imhassar bl-Att II tal-2015, u l-istess Kap. 135 illum jinsab konsolidat fil-Kap. 452 (Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali), li fih inkorpora wkoll Kap. 266 (Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali). Jigi pprecizat ukoll li dak li qabel fil-Kap. 135 kien jissejjah fit-test Ingliz bhala "*apprenticeship*" fit-test Malti kien jissejjah bhala "*ftehim ta' tahrig*", li kien specifikatament eskluz mid-definizzjoni ta' "*kuntratt ta' servizz*" ghall-fini ta' dik il-ligi. Dan qieghed jigi puntwalizzat *a priori* peress li l-qofol tal-kwistjoni bejn il-kontendenti huwa proprju dan, cioè jekk il-kuntratt bejn il-kontendenti huwiex wiehed ta' impieg, kif jishqu l-konvenuti appellanti, jew wiehed ta' ftehim ta' tahrig (kif deciz mill-ewwel Qorti). Dan il-kwezit ser jigi indirizzat hekk kif jigu trattati l-aggravji tal-appellanti. Ovvjament trid tigi applikata l-ligi vigenti (Kap. 135) fiz-zmien li gie redatt il-kuntratt bejn l-istess kontendenti.

Huwa opportun li jigu trattati flimkien l-ewwel zewg aggravji mressqa fir-rikors tal-appell, inkwantu huma marbuta sew ma' xulxin. Permezz tal-ewwel aggravju taghhom, il-konvenuti appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-kuntratt inkwistjoni kien wiehed "*ghat-tahrig tal-haddiem*" u kwindi ma kienux japplikaw ghalih il-provvedimenti tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li fil-fehma taghhom il-kuntratt bejn il-kontendenti huwa wiehed t'impieg ghal zmien indefinit.  Jilmentaw illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet l-eccezzjoni taghhom li l-klawsola numru 13 tal-kuntratt kienet invalida ai termini tal-ligi, u minflok ikkonkludiet li l-klawsola inkwistjoni kienet wahda valida, billi rriteniet li l-kuntratt bejn il-partijiet kien wiehed "*ghat-tahrig tal-haddiem*" u kwindi ma japplikax ghalih il-provvedimenti tal-Kap. 135.

Filwaqt li permezz tat-tieni aggravju l-konvenuti appellanti jilmentaw mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li hija bbazata fuq il-konkluzjoni li l-ewwel perjodu ta' sentejn tal-kuntratt "*ix-xoghol ossija servizz inghata tifsira sekondarja in kwantu l-ghan principali segwit mill-kontraenti kien wiehed ta' tahrig.*" L-appellanti jsostnu li l-obbligi kollha ta' min ihaddem u min jahdem, bhal ma huma l-obbligu ta' hlas ta' paga, hlas ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali (bolla) u ta' taxxa, eccetra, kienu hemm mill-bidu tal-impieg.  Inoltrè l-kuntratt ma kienx jipprovdi li l-konvenut appellant gie impjegat semplicement bhala fototgrafu, izda

kien impjegat ukoll bhala *“maintenance engineer”.* Jirreferu wkoll ghal numru ta’ klawsoli tal-kuntratt in sostenn tal-argument taghhom, u ghax-xhieda tal-istess attur appellat, fejn inghad li l-konvenut appellant kien jaghmel tiswijiet fuq l-apparat tal-fotografija tal-atturi appellati. Isegwu bl-argument li l-konvenut appellant ma kienx impjegat esklussivament bhala fotografu, izda wkoll bhala *electronics engineer,* u li certament l-atturi appellati ma taw ebda tahrig fih. Dan l-aspett l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra u konsegwentement zbaljat meta rriteniet li l-ghan ewlieni wara l-ewwel sentejn tal-kuntratt kien wiehed ta’ tahrig.

Din il-Qorti ser tibda billi titratta proprju dan l-ahhar punt peress huwa fundamentali li l-ewwel jigi determinat in-natura tal-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti fil-kawza, inkwantu l-istess jirrifletti r-rieda tal-partijiet. Taht it-titlu “*Job Title”* hemm imnizzel:

> *“… the employee is being engaged to perform duties as a Photographer/ maintenance engineer, to carry out duties as hereinunder listed and agreed upon…”*

Fil-lista ta’ “*Regular Duties”* jigifieri mansjonijiet jew responsabbilitajiet li kienu jaqghu fuq spallejn l-appellant, wiehed isib kemm numru ta’ mansjonijiet relatati mal-fotografija, kif ukoll wiehed isib mansjonijiet relatati mal-kwalifika li kellu l-konvenut appellant, dik ta’ *electronics technician*:

> *“1. to familiarise himself thoroughly with all the equipment under his responsibility and <u>to carry out routine inspection, cleaning and</u>*

*<u>maintenance of all cameras, lenses, lighting equipment and stands and other equipment.</u>*

*"… Ommissis …*

*"5. to routinely <u>inspect and maintain all processors, machinery, accessories and equipment</u> which may be added from time to time to increase efficiency and production in the processing printing and finishing departments, <u>in order to prolong their life and ensure a smooth and trouble free performance</u>. The employee is to keep himself up-to-date with all the operating and maintenance manuals of the equipment of these departments.*

*"6. <u>to take necessary action to rectify any problems which may arise, to the best of his ability. He is to keep the employer informed of any damage and/or malfunction to the equipment. He has the duty to order spare parts through a purchasing system approved by the employer</u>…"* *(*sottolinejar mizjud mill-Qorti*)*

Dawn il-mansjonijiet indubbjament, fil-fehma tal-Qorti, huma marbuta ma' dik il-parti tal-kariga tal-appellat li fil-kuntratt jissejjah ukoll bhala "*maintenance engineer".*

Rilevanti wkoll hija x-xhieda permezz tal-affidavit tal-attur appellat li jispjega kif origina l-hsieb dwar ir-relazzjoni kuntrattwali mal-appellant meta qal:

"*F'nofs is-sena 1998, habib tieghi, certu Stephen Vassallo, li huwa electronics engineer u li kien isewwieli l-apparat elettroniku tal-laboratorju kien introducini ma' David Seracino, il-konvenut, li kien jahdem bhala assistent tieghu mal-kumpannija Deeco. … Deeco iddeccidew li jaghlqu s-sezzjoni tal-Industrial Electronics u ghalhekk David Seracino kien ser jigi redundant. Stephen kien cempilli biex jaghtini din l-ahbar minhabba li* ***issa htiegli li nsib lil xi hadd gdid biex isewwieli l-makkinarju. Fl-istess hin, kien staqsieni jekk kontx lest li nikkunsidra li nimpjega lil David maghna. Hsibt li se nolqot zewg ghasafar b'gebla wahda billi David seta jaghmel it-tiswijiet u wkoll jghin lili fil-fotografija u l-iprocessar tal-films.***

***"Nghid illi jien kont tkellimt ma' David fit-tul meta gie l-istabbiliment taghna u spjegajtlu x'kelli f'mohhi. Kien qalli li ma***

> ***kenitx problema li jahdem bhala technician u fl-istess hin jitghallem u jahdem ta' assistant photographer."***
> (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

L-istess konvenut appellant jikkonferma dan il-hsieb meta fl-affidavit tieghu xehed:

> *"L-attur allura kien wera interess fil-fatt li jiena stajt insewwilu l-apparat u fl-istess hin naghmel xoghol ta' fotografija."*

Il-partijiet ma tantx jaqblu dwar kif zvolga x-xoghol tal-konvenut appellant f'dan il-qasam, fis-sens li filwaqt li l-konvenut appellant jixhed li l-attur appellat kien jippretendi li jsiru t-tiswijiet *at all costs,* u minghajr l-ghodda mehtiega sabiex isewwi, l-attur appellat jghid li kien dizappuntat fuq l-aspett tat-tiswija tal-apparat elettroniku, peress li ghalkemm ghall-ewwel il-konvenut appellant ma kellux l-ghodda, wara li dawn inxtraw, meta kien ikun hemm htiega ta' tiswija, kien spiss jinqala' argument.

Mill-assjem tal-provi din il-Qorti tinsab konvinta li, kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess appellant, huwa minnu li l-appellant beda jitharreg fil-qasam tal-fotografija fl-ewwel perjodu ta' sentejn t'ingagg mal-atturi appellati, grazzi ghall-esperjenza tal-attur appellat: "*Jiena nghid illi bit-tahrig u l-esperjenza illi jiena hadt kemm domt nahdem ma' l-attur, sar titjib anki fit-teknika tieghi…"* izda l-konvenut appellant kien indubbjament, impjegat ukoll sabiex iwettaq it-tiswijiet fl-apparat, qasam li l-attur appellat zgur ma tah ebda tahrig fir-rigward:

> *"Fl-impieg tieghi jiena kont naghmel ix-xoghol ta' technician u kont insewwi l-apparat sa fejn nista' u dana minhabba li ma kellix l-ghodda necessarju…Niftakar episodju fl-istagun tal-Precetti, meta l-equipment ikun jintuza at full capacity fejn kienet inqalghet hsara f'generator tal-flashes. Jiena kelli nsewieh wara li spiccajna s-session u cioè ghall-habta tal-10.00pm tas-Sibt u bqajt ghaddej bit-tiswija sa xi 1.00am."* (paragrafu 11 fl-affidavit tal-konvenut appellant).

Ghalhekk minn qari tal-kuntratt, u mill-assjem tal-provi din il-Qorti tasal biex tikkonkludi li tabilhaqq, il-kuntratt bejn il-kontendenti, ghalkemm fih kemm elementi ta' tahrig kif ukoll ta' impieg, huwa wiehed prevalentement ta' impieg peress li fil-kuntratt l-enfasi qieghed fuq il-mansjonijiet tal-impjegat, anzi m'hemm ebda provvediment ghal xi obbligu ta' tahrig da parti ta' min jimpjega, ghajr li jinghad li l-ewwel sentejn huma meqjusa bhal perjodu ta' tahrig. Mhux kontestat mill-konvenut appellant li l-atturi appellati pprovdulu hafna tahrig fil-qasam ta' fotografija, izda fil-fehma ta' din il-Qorti dan it-tahrig kien necessarju kemm fl-interess tal-konvenut appellant, kif ukoll f'dak tal-atturi appellati sabiex ikollhom impjegat imharreg sew fix-xoghol, sabiex ikunu jistghu jqassmu x-xoghol taghhom ahjar. Mentri fil-qasam tat-tiswija tal-apparat l-appellant ma kellux bzonn ta' ebda tahrig, ladarba kien precedentement jahdem proprju f'dak il-qasam.

Punt iehor validu huwa l-fatt li l-ewwel abbozz tal-kuntratt mghoddi lill-konvenut appellant kien intitolat: *"Indefinite Contract of Employment"* - dan ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti jirrifletti li l-partijiet sa mill-bidu kellhom il-hsieb li jidhlu f'kuntratt t'impieg u mhux t'apprentistat. It-tahrig fil-

qasam tal-fotografija kien ghall-beneficcju taz-zewg partijiet. Huwa ritenut li t-tahrig moghti lill-konvenut appellant kien ghall-fini li huwa jkun kompetenti fit-twettiq tal-obbligi tieghu bhala mpjegat tal-atturi appellati u mhux ghall-fini li l-istess konvenut jottjeni xi kwalifika fil-qasam tal-fotografija.

Dan jinghad ukoll fuq l-iskorta ta' sentenza li nghatat minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-14 ta' Dicembru 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Cutrico Services Limited v. Pace Jan Willem:**

> *"Huwa elementari illi f'materja ta' interpretazzjoni, oltre l-komprensjoni tan-normi guridici applikabbli, irid ikollok l-individwazzjoni ta' dawk l-elementi guridikament rilevanti fil-fattispeci konkreti, bil-konnotazzjonijiet specifici tieghu.*
>
> *"… … Jinsab precizat fid-definizzjoni li l-Artikolu 29 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig (Kapitolu 342) jaghti lill-kelma "apprendist" illi din tifsser "persuna li tkun ghalqet hmistax-il sena li tkun* ***marbuta bi ftehim bil-miktub li taqdi principal matul zmien <u>miftiehem sabiex tikseb taghrif, maghduda t-teorija u l-prattika, f'sengha li l-principal minn naha tieghu jkun marbut li jghallem lil dik il-persuna</u>; u 'apprendistat' ghandha tinftiehem skond hekk****";*
>
> *"Minn din id-definizzjoni huwa koncepibbli illi l-apprendistat hu rapport specjali u kumpless, kostitwit minn elementi komposti taht il-forma ta' skambji –* ***il-prestazzjoni tax-xoghol kontra l-ghoti tat-tahrig u l-pagament tar-retribuzzjoni. Essenzjalment, b'apprendistat wiehed jifhem illi min ihaddem hu obbligat li jimpartixxi lill-impjegat tieghu fl-impriza it-taghlim u t-tahrig necessarju biex dan jikkonsegwi dik il-kapacita` teknika biex hu jsir impjegat kwalifikat fl-istess impriza. Fl-istess waqt, min ihaddem hu tenut jirretribwixxi lil dan l-impjegat ghax-xoghol tieghu in bazi ghall-istipulazzjoni kontrattwali. Jekk ir-rapport ma jikkonsentix u ma jahsebx ghal dan it-taghlim izda sempliciment ghall-iffissar tal-mansjonijiet ta' l-impjegat ma jistax jikkwalifika bhala wiehed ta' apprendistat imma bhala rapport ordinarju tax-xoghol fejn l-impjegat jigi sempliciment retribwit mill-principali ghax-xoghol tieghu****."* (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-atturi appellati rizultanti mir-risposta taghhom li l-kuntratt bejn il-kontendenti jenfasizza l-element ta' tahrig jew kif qalet l-ewwel Qorti li x-xoghol jew is-servizz inghata tifsira sekondarja fl-istess kuntratt. Anzi huwa meqjus minn din il-Qorti li l-kuntratt in ezami huwa aktar ikkoncentrat li jelenka l-mansjonijiet tal-konvenut appellant bhala mpjegat, u imkien ma jissemma t-tahrig bhala obbligu jew responsabbiltà tal-atturi appellati, bhala l-persuna li thaddem lill-istess impjegat. Inoltrè ghalkemm mill-provi in atti jirrizulta car li tabilhaqq l-atturi appellati kienu harrgu u ghallmu lill-konvenut appellant fil-qasam tal-fotografija, u dan kif inghad qabel, dan sar fl-istess interess taghhom. Minn ezami tal-klawsola 11 tal-kuntratt dwar ir-remunerazzjoni tal-impjegat, ghalkemm fiha jinghad li l-ewwel sentejn t'impieg jitqiesu bhala "*training period",* ma jistax jinghad li permezz tal-imsemmi kuntratt l-atturi appellati elenkaw id-doveri taghhom, jew taw xi dettal iehor kwantu t-tip ta' tahrig li bih kienu ser jghallmu l-fotografija, kif mahsub fid-definizzjoni precitata. Ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti tikkonkludi li l-kuntratt in ezami huwa aktar wiehed t'impieg milli ta' tahrig jew apprentistat.

Isegwi li l-ewwel zewg aggravji jimmeritaw li jintlaqghu u ser jigu ghalhekk milqugha.

Imiss li jigi trattat it-tielet aggravju tal-appellanti, dak fejn tigi attakkata l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fejn galadarba kkonkludiet li l-kuntratt inkwistjoni kien wiehed ta' tahrig u mhux t'impieg, ikkonkludet ukoll li l-klawsola 13(i) kienet wahda valida u legali ai fini u effetti kollha tal-ligi. Inoltrè ghalkemm l-ewwel Qorti ddistingwiet bejn il-klawsola 13(i) u 13(ii), l-appellanti jinsistu li meta tinqara l-klawsola inkwistjoni fl-intier taghha, jidher car li l-iskop ewlieni taghha huwa dak li torbot lill-appellant fl-impieg ma' l-atturi b'mezzi li jmorru oltrè dawk permessi mil-ligi u timpedih milli jezercita d-dritt tieghu moghti mil-ligi li jittermina l-impieg tieghu liberament. Jikkontendu li din il-klawsola saret bi ksur lampanti tal-Artikolu 38 tal-Kap. 135 (illum Artikolu 42 tal-Kap. 452) li tipprovdi li fejn f'kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal tieghu, jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impieg, inkluzi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att, dawn ghandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-impjegat. Jishqu wkoll li din il-klawsola apparti li saret bi ksur tal-ligi, tmur ukoll kontra l-"*public policy*" peress li hija wahda *"in restraint of trade",* ladarba timpedixxi lil persuni fil-posizzjoni tal-appellant illi jezercitaw il-hiliet taghhom hlief a favur tal-persuna (f'dan il-kaz l-atturi appellati) li jinstab f'posizzjoni ekonomikament vantagguza meta kkumparat ma' l-impjegat tieghu u li ghalhekk m'ghandux jithalla jabbuza minn din il-posizzjoni.

L-appellanti jtennu li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 135 huma mahsuba sabiex jassiguraw mizura ta' gustizzja socjali fil-qasam tax-xoghol. Jirreferu ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 t'Ottubru, 1994, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Pisani nomine v. Reuben Vella Bray,** fejn inghad li l-Kap. 135 ghandu inkorporat fih mekkanizmu ta' kontroll li jeskludi l-possibilità tal-kontraenti (min ihaddem u min jahdem), li jiftehmu u jidhlu f'konvenzjonijiet li jmorru kontra dak preskritt fl-istess ligi. Ghalhekk fl-interess pubbliku, il-ligi inkwistjoni tillimita l-volontà tal-kontraenti, sabiex kull konvenzjoni li tmur oltrè dak li l-ligi tipprovdi, dik il-konvenzjoni tigi minghajr effett. Jispjegaw li dik il-Qorti, wara li ccitat l-Artikoli 34(2) u 38 tal-Kap. 135, irriteniet li l-istess artikoli tal-ligi kienu hemm sabiex jassiguraw liberta` shiha lill-haddiem li johrog mill-impieg tieghu meta jrid minghajr ma jinkorri ebda penali, hlief li jaghti l-avviz preskritt lil min ihaddmu. Hekk ukoll huwa pprojbit bil-ligi li jigu imposti jew inkluzi bi ftehim f'kuntratt ta' impieg, oneri aktar gravuzi meta jintemm impieg ghal zmien indefinit minn dak li tipprovdi l-istess ligi. Kwindi jargumentaw li l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li l-klawsola 13 kellha tigi trattata bhala wahda ta' penali, li kellha tigi regolata mill-provvedimenti tal-Kodici Civili.

L-atturi appellati da parti taghhom jikkontendu li l-klawsola kontestata numru 13(i) mhix limitazzjoni fil-kuntratt ta' xoghol, izda biss il-korrispettiv li l-konvenut appellant intrabat li jaghti in kambju ghat-

taghlim u assistenza moghtija mill-atturi appellati. Korrispettiv li l-ftehim jiggarantixxi bis-sanzjoni finanzjarja fil-klawsola numru 13(i) kontra l-inadempjenza kuntrattwali. Huma jsostnu l-argument taghhom billi jiccitaw gurisprudenza li proprju tesponi l-principju ta' *pacta sunt servanda.* Itennu li l-konvenuti appellanti huma zbaljati meta jaghmlu referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kap. 135, peress li jishqu li l-kaz in ezami jitratta terminazzjoni li saret waqt il-perjodu ta' tahrig u ghalhekk ghandhom japplikaw il-principji li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat peress li jirrifletti l-volontà tal-kontraenti li ghandha tipprevali u trid tigi osservata.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-ewwel zewg aggravji, ladarba hija kkonkludiet li l-kuntratt in ezami jikkostitwixxi kuntratt t'impieg, tara li l-konsegwenza legali hija li dan huwa regolat bil-ligi vigenti meta sar l-istess kuntratt, f'dan il-kaz, l-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg (Kap. 135).

In tema legali tajjeb li jinghad li b'dan l-Att, "*the law in general seeks to regulate conditions of employment in respect of both employer and employee; but it is equally obvious from various parts of the Act itself that the law is primarily concerned with the protection of the employees"* (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Kummercjali) tal-14 ta' April 1969, fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Falla v. Ernest Jennings nomine**).

Gie ritenut ukoll mill-istess Qorti fis-sentenza taghha tad-19 ta' Mejju 1986, fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Dr. Hugh Peralta noe v. Vincent Falzon et noe,** illi bhala konsegwenza dan iwassal illi l-pattijiet kontrattwali huma subordinati ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att imsemmi u l-inosservanzi taghhom, oltre l-konsegwenzi ta' natura penali, iggib in-nullita` tal-kuntratt jew tal-klawsola partikolari tieghu li tkun tikkontravjeni l-artikolu relattiv ta' l-Att.

Applikati l-principji appena citati ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-Artikolu 26 tal-Kap. 135 kien jipprovdi illi pattijiet ta' kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegati, li jsemmu bir-reqqa l-multa jew il-multi li l-impjegat jista' jehel dwar kull ghemil jew nuqqas ta' ghemil li ghalih tista' titwahhal multa, iridu jkunu gew approvati minn qabel mid-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni. Din l-approvazzjoni preventiva tad-Direttur tissemma wkoll fl-Artikolu 34 subinciz (21) fl-istess Att. Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax mill-atti li l-approvazzjoni tad-Direttur intalbet u wisq anqas inghatat fir-rigward tal-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza, li jipprovdi ghall-klawsola numru 13 rigwardanti l-penali. Il-kawsola inkwistjoni tipprovdi ghal penali f'kaz ta' terminazzjoni tal-impieg, da parti tal-impjegat, u allura din l-approvazzjoni, skont kif provdut mill-Att imsemmi, hija tassattivament mehtiega.  Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-konsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sens li qalet:

> "… *tikkonsidra dawn l-artikoli jirregolaw kondizzjonijiet f'kuntratt ta' servizz fil-kors ta' l-impieg u mhux l-applikazzjoni ta' penali għall-abbandun qabel il-waqt mill-impjegat*."

Anzi din il-Qorti taqbel mal-argument tal-konvenuti appellanti illi l-istess klawsola numru 13 trid tinqara shiha u mhux tigi spezzettata. Minnha jirrizulta mhux biss il-penali ta' Lm10,000 imponibbli mill-atturi appellati (li fil-fehma ta' din il-Qorti hija wahda drakonjana kunsidrata l-paga percepita mill-impjegat), f'kaz li l-konvenut appellant itemm l-impieg tieghu wara t-tieni jew it-tielet sena, izda li din il-penali kellha titnaqqas b'20 % kull sena bejn ir-raba' u s-seba' sena, li jfisser li l-atturi appellati riedu jorbtu lill-impjegat taghhom ghal seba' snin shah kontra l-hlas ta' penali jew multa ingenti. Dan ifisser li ladarba ma nghatatx l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol fir-rigward, tabilhaqq il-klawsola inkwistjoni saret bi ksur tal-ligi. Il-konsegwenza legali kif esposta fis-sentenza citata mill-konvenuti appellanti (**Paul Pisani nomine v. Reuben Vella Bray),** hija li tali klawsola tispicca bla effett.

Dan il-punt kien ezaminat ukoll f'numru ta' sentenzi ohra hekk kif rapportat fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tad-29 ta' Marzu, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Mark Bugeja et v. Geoffrey Camilleri** fejn inghad ukoll:

> *"Illi izda hawn f'din il-kawza hawn punt iehor li jrid jigi kkunsidrat u dan huwa l-aggravju li tali klawsola hija kontra public policy u huwa f'dan il-kuntest li dawn l-aggravji iridu jigu trattati u dan peress li qed jigi ritenut li tali klawsola li rrestringiet l-impjieg tal-appellant wara t-terminazzjoni tal-impieg tieghu mas-socjeta` appellanti, assoggettat lill-impjegat ghall-*

> *penali, meta l-istess imposizzjoni ma kienitx approvata a priori mid-Direttur tax-Xoghol skond l-Artikolu 19 tal-Kap, 452 li qabel kienet tikkostitwixxi l-Artikolu 26 tal-Kap. 135.*
>
> *"Illi ma hemm ebda dubju li fuq kuntratti ta' servizz jew tax-xoghol il-ligi specjali trid tigi osservata u dawn kienu regolati b'dak li jipprovdi l-Artikolu 19 tal-Kap, 452 (qabel Artikolu 26 tal-Kap. 135) u dwar dan ma hemm l-ebda dubju li fid-decizjoni ""Attilio Cesareo et vs Anthony Cilia Pisani (P.A. (PS) – 31 ta' Jannar 2003; A.C. – 3 ta' Marzu 2006) tali klawsoli gew ikkunsidrati bhala li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 26 tal-Kap. 135 tant li inghad li f'dan ir-rigward il-ligi tissanzjona li l-pattijiet ta' dan it-tip f'kuntratt tax-xoghol jkunu jridu jigu approvati minn qabel mid-Direttur tax-Xoghol, u tali klawsola giet ikkunsidrata li tapplika mhux biss wara t-terminazzjoni tax-xoghol izda wkoll waqt li jkun applikabbli l-istess ftehim. Fuq kollox l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess decizjoni rriteniet li f'kull kuntratt l-Artikoli 987 u 990 tal-Kap. 16 japplikaw fis-sens li ma jistax ikun hemm kawza llecita u l-kawza hija llecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Inghad li huwa f'dan il-kuntest li l-Artikolu 38 u 26 tal-Kap. 135 kellhom jigu applikati, b'dan li ma setghux jigu mposti kondizzjonijiet inqas favorevoli ghall-impjegat jekk mhux bl-awtorizzazzjoni mid-Direttur tax-Xoghol u dan kien japplika kemm ghall-multi imposti waqt id-dekorrenza tal-impjieg u kemm wara b'dan li l-kontraenti huma tenuti li josservaw l-istess, u dak li f'dan is-sens huwa kontra l-ligi gie ritenut li huwa kontra l-interess pubbliku, ghaliex ma sarx bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol, u ghalhekk null u bla effett skond kif ritenut fis-sentenza "Paul Pisani vs Reuben Vella Bray" (P.A. – 5 ta' Ottubru 1994) (ara wkoll "Brian Richard Andrews et vs Alfred Borg" (P.A. (NC) – 31 ta' Ottubru 2003) u "Judith Lucchesi nomine vs Rita Sultana et" (A.C.- 3 ta' Dicembru 2004).*
>
> *"Illi la darba l-istess klawsola taqa' fil-parametri tal-Ligi fuq citata u ghalhekk kien hemm bzonn l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol sabiex tigi applikata, awtorizzazzjoni li ma tirrizultax, dan irendi l-istess klawsola kontra l-ligi ghaliex tali gew ritenuti li huma lleciti u kontra public policy u huma regoli li huma in restraint of trade li huma regolati specifikatament fil-ligi u mhux permessibbli jekk mhux bl-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur responsabbli ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali."*

Din il-Qorti filwaqt li tabbraccja l-insenjamenti appena esposti tqis li f'dan il-kaz ukoll, il-klawsola numru 13 tal-kuntratt ta' impieg, ma jirrizultax li giet approvata mid-Direttur tax-Xoghol, u tikkozza kontra l-provvedimenti tal-Artikoli 26 u 38 tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta u per

konsegwenza l-istess klawsola hija illecita. Inkwantu projbita mil-ligi din saret bi ksur tal-Artikolu 990 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili) u konsegwentement ma jista' jkollha ebda effett kif jipprovdi l-Artikolu 987 tal-istess Kap. 16.

Isegwi li t-tielet aggravju wkoll jimmerita l-akkoljiment tieghu u ser jigi milqugh.

Ladarba l-klawsola 13 tal-kuntratt t'impieg in ezami, hija ritenuta nulla u bla effett, il-konsegwenza hija li l-azzjoni attrici ma setghet qatt tirnexxi proprju peress li hija msejsa interament fuq il-klawsola 13 u kellha ghalhekk tigi michuda fis-shih. Ladarba ser jigi milqugh dan l-aggravju wkoll, dan ifisser li m'hemmx htiega li jigu nvestiti l-bqija tal-aggravji tal-konvenuti appellanti.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti appellanti, billi tilqa' l-istess, inkwantu ritenut konsistenti ma' dak hawn deciz; thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet premessi u minflok filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellanti, tichad it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet hawn decizi.

Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, filwaqt li dawk relatati ma' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-atturi appellati *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld